**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża numru: 46/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**LEYDER GIANINY ACEVEDO MOLINA**

**Illum, 29 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra **Leyder Gianiny Acevedo Molina**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Erinson u Lug nee` Molina, imwieled ġewwa Cali, Kolumbja, nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elf, disa' mija u disgħin (1990), mingħajr indirizz fiss, u detentur tal-Passaport Kolumbjan bin-numru AW745414, li bih ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**L-EWWEL (1) KAP**
***Importazzjoni tad-droga Kokajina***

**Il-Fatti:**

Illi fil-jiem preċedenti għas-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li abbord it-titjira tal-linja tal-ajru 'Ryanair' bin-

numru 'FR2956', li kienet ser tasal hawn Malta minn Brussell nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kien ser ikun hemm ċerta persuna bl-isem ta' **Leyder Gianiny Acevedo Molina** (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") li kienet ser tkun qed iġġorr id-droga. Fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija rrikorriet ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta fejn hemmhekk stenniet il-wasla tal-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina**.

Illi hekk kif kien mistenni, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01:20), l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina wasal hawn Malta minn Brussell permezz tat-titjira tal-linja tal-ajru 'Ryanair' bin-numru 'FR2956'. Mal-wasla tiegħu hawn Malta, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ġie imwaqqaf mill-Pulizija, iżda mit-tfittxijiet li sarulu, kemm fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fil-bagalja li kien qed iġorr, irriżulta kollox fin-negattiv.

Illi, madanakollu, il-kelb tad-Dwana li kien qiegħed preżenti fuq il-post beda jagħti indikazzjoni li turi li l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina kien qed iġorr xi ħaġa suspettuża fuqu. Din l-indikazzjoni waslet sabiex l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina saritlu tfittxija intima fejn hemmhekk il-Pulizija nnotat li huwa kien qed iġorr *foreign body* fil-warrani tiegħu.

Illi, konsegwentement, l-investigazzjoni kompliet fejn l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ittieħed ġewwa l-isptar 'Mater Dei' fejn hemmhekk sarlu *CT scan*. Minn dan it-test irriżulta li l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina kien qed iġorr fl-intern tiegħu tliet (3) kapsuli. Fil-fatt, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina inżamm l-isptar fil-preżenza tal-Pulizija fejn eventwalment ħareġ l-imsemmija tliet (3) kapsuli mill-warrani tiegħu, liema kapsuli kienu jikkontjenu sustanza ta' lewn abjad suspettata droga kokajina.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li s-sustanza ta' lewn abjad misjuba f'dawn il-kapsuli li ġew importati mill-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina, ġiet identifikata bħala droga kokajina, b'piż totali ta' erba' mija u erbgħa u għoxrin punt erbgħa u erbgħin grammi (424.44g), b'purità medja ta' erbgħa u sittin fil-mija (64%), u b'valur fis-suq stmat fl-ammont ta' bejn sebat elef u sitt mija u disgħa u tletin ewro (€7,639) u tlieta u tletin elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€33,955).

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta' Malta.

**Il-Konsegwenzi**:

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** sar ħati talli importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina f'Malta, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Akkuża**:

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-imsemmi **Leyder Gianiny Acevedo Molina** ħati, talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin, importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Piena Mitluba**:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37), iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-akkużat hekk misjub ħati, hekk kif stabbilit fl-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 2, 4, u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

u fl-Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**
***Pussess aggravat tad-droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien hekk kif indikati fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01:20), l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina wasal hawn Malta minn Brussell permezz tat-titjira tal-linja tal-ajru 'Ryanair' bin-numru 'FR2956'.

Illi mal-wasla tiegħu hawn Malta, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ġie imwaqqaf mill-Pulizija u dana wara informazzjoni kunfidenzjali li l-Pulizija kienet irċeviet li huwa kien ser idaħħal id-droga ġewwa Malta. Minn tfittxija intima li saret mill-Pulizija fuq l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina, irriżulta li huwa kien qed iġorr *foreign body* fil-warrani tiegħu.

Illi, konsegwentement, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ittieħed ġewwa l-isptar 'Mater Dei' fejn hemmhekk sarlu *CT scan*. Minn dan it-test irriżulta li l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina kien qed iġorr fl-intern tiegħu tliet (3) kapsuli. Fil-fatt, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina inżamm l-isptar fil-preżenza tal-Pulizija fejn eventwalment ħareġ l-imsemmija tliet (3) kapsuli mill-warrani tiegħu, liema kapsuli kienu jikkontjenu sustanza ta' lewn abjad suspettata droga kokajina.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li s-sustanza ta' lewn abjad misjuba f'dawn il-kapsuli misjuba fil-pussess tal-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina, ġiet identifikata bħala droga kokajina, b'piż totali ta' erba' mija u erbgħa u għoxrin punt erbgħa u erbgħin grammi (424.44g), b'purità medja ta' erbgħa u sittin fil-mija (64%), u b'valur fis-suq stmat fl-ammont ta' bejn sebat elef u sitt mija u disgħa u tletin ewro (€7,639) u tlieta u tletin elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€33,955).

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta' Malta.

Illi l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu din id-droga fil-pussess tiegħu.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga kokajina jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>:**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**<u>L-Akkuża</u>:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** ħati, talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina hekk kif skedata taħt Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**<u>Il-Piena Mitluba</u>:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), iżda mhux

iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-akkużat hekk misjub ħati, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina**, ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2024, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi, fl-eventwalita` illi jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **erba' (4) snin u sitt (6) xhur flimkien ma' multa ta' għaxart elef ewro (€10,000)**, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza mandatorja oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija, inkluż il-konfiska ta' flejjes u proprjeta` oħra kemm mobbli, kif ukoll immobbli ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-aħħarnett u għal kull buon fini, il-partijiet iddikjaraw illi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom dwar il-piena, kif maqbula, ittieħed in konsiderazzjoni dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, applikabbli **b'żewġ (2) gradi**.

Rat illi waqt l-udjenza miżmuma llum quddiem din il-Qorti, l-akkużat Leyder Gianiny Acevedo Molina, debitament assistit mill-avukat ta' fiduċja tiegħu, irreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati fl-Att ta' Akkuża surreferit;

Rat illi wara li wissiet lill-akkużat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara li rat ukoll illi huwa kien qed jifhem l-import tal-istess ammissjoni, inkluż il-kontenut u l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors konġunt fuq imsemmi, u wara li tagħtu ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu, jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, u wara illi l-kawża ġiet posposta għal dan il-għan, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddikjara lil **Leyder Gianiny Acevedo Molina** ħati taħt il-Kapi kollha tal-Att tal-Akkuża kif dedotti kontra tiegħu u ċioe` ħati talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. Importa, jew ġiegħel li tiġi mportata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, hekk kif skedata taħt it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu qabel ġie fformat il-ġuri, għalkemm wara illi ħareġ l-Att ta' Akkuża. Fir-rigward, il-Qorti qieset il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, li tirreferi wkoll għal dik estera, f'ċirkostanzi fejn il-ħati jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar il-5 ta' Lulju 2002, **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Lulju 2002 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2004.

Qieset ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ ossia illi l-akkużat importa ġewwa Malta u kellu fil-pussess tiegħu tliet kapsoli kontenenti d-droga kokaina, illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Dr. Godwin Sammut, jirriżulta illi kellha piż ta' 424.44 grammi, b'purita` medja tat-trab għad-droga kokaina ta' 64% u b'valur ta' bejn sebat elef, sitt mija, disgħa u tletin ewro (€7,639) u tlieta u tletin elf, disa' mija, ħamsa u ħamsin ewro (€33,955).[1]

Qieset in oltre illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-akkużat kellu jibbenefika bit-tnaqqis fil-piena b'żewġ gradi, skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet, u dan fid-dawl tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Pulizija Eżekuttiva fit-termini tal-imsemmi artikolu.

Qieset in oltre il-ġurisprudenza in materja u pieni erogati dwar reati li jinvolvu d-droga. Naturalment, kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu, u fil-waqt illi l-ġurisprudenza in materja tista' sservi bħala linja gwida, il-piena mposta għandha dejjem tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina.

Tenut kont tas-suespost, u illi l-piena mitluba hija fil-parametri tal-liġi, fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet u għalhekk se teroga, fil-konfront tal-akkużat, il-piena mitluba mill-partijiet, permezz tar-rikors konġunt ippreżentat minnhom kif ingħad.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 16, 20, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(i)(aa), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 2, 4, 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, tikkundanna lill-akkużat **Leyder Gianiny Acevedo Molina** għal piena ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li matulu huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u multa ta' għaxart elef ewro (€10,000), liema multa, fin-nuqqas ta' ħlas, tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

[1] Dan stante illi l-valur tad-droga kokaina jvarja bejn tmintax-il ewro (€18) il-gramma u t-tmenin ewro (€80) il-gramma. Ara r-relazzjoni tal-espert Dr. Godwin Sammut, a fol. 86 *et seq* tal-proċess.

Tikkundannah in oltre għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' mitejn, sebgħa u disgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€297.43), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Dr. Godwin Sammut[2], is-somma ta' sebgħa u erbgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€47.10), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 586 Mario Azzopardi, Uffiċjal tax-Xena tar-Reat[3], is-somma ta' erba' mija, tnejn u sebgħin ewro (€472), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada[4], is-somma ta' wieħed u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu (€81.40), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PC 2369 Stephanie Cassar, Uffiċjal tax-Xena tar-Reat[5], u s-somma ta' tliet mija, tnax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€312.50), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Mario Scerri[6], b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' elf, mitejn u għaxar ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1210.43), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum, u fin-nuqqas jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, proprjeta` mobbli u immobbli tal-ħati.

Finalment sakemm l-Avukat Ġenerali ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita f'dawn il-proċeduri hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur, li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

---

2 Ara a fol. 90 tal-proċess.
3 Ara a fol. 102 tal-proċess.
4 Ara a fol. 115 tal-proċess. Mill-ispejjeż indikati fir-relazzjoni tal-istess espert, din il-Qorti naqqset is-somma ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), konnessi ma' kopja diġitali ta' estrazzjoni li saret minn fuq ċellulari ta' terza persuna, Glenys Altagracia Flores, estraneja għal dan il-proċess, u t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-istess somma.
5 Ara a fol. 139 tal-proċess.
6 A fol. 160 tal-proċess.